MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 209/2007

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera GA Modefine S.A., ta' Via Penate 4, CH-6850 Mendrisio, Svizzera**

**vs.**

**Dr. Anthony Cutajar LL.D u P.L. Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tas 7 ta' Novembru 2007 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil EURO 44 S.A.R.L., ta' NO. 15 RUE AALAARAAR, CASABLANCA, IL-MAROKK**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrenti nomine ssottometta :

1. Illi s-socjeta' attrici GA Modefine S.A., maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' artikli ta' lbies, hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha;

2. Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha;

3. Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha rregistrata f'Malta b'effett mill-21 ta' Ottubru 1997 it-*trademark* bin-numru ta' registrazzjonu 27774 konsistenti f'rapprezentazzjoni partikolari ta' ajkla nkludenti il-kelma "GA" (dwar *clothing articles, footwear, headwear* u cjioe' f'kategorija li fihom jaqghu prodotti konsistenti f'glekkijiet);

4. Illi noltri, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTMs) b'effett mill-1 ta' April tal-1997, rapprezentazzjoni partikolari ta' ajkla nkludenti il-kelma "GA" (numru ta' registrazzjoni 000504308), kif ukoll l-isem u l-kunjom "GIORGIO ARMANI" (numru ta' registrazzjoni 000504258) u l-kunjom "ARMANI" (numru ta' registrazzjoni 00504282), u dan *inter alia* dwar prodotti f'kategorija li fihom jaqghu prodotti konsistenti f'glekkijiet;

5. Illi s-socjeta' attrici hija "*detentrici ta' dritt*" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta) u tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*, u tinsab debitament registrata mal-Kontrollur tad-Dwana ghall-iskopijiet ta' ligi relattivi, biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-

artikli 2(1)(a), 4 u 8(1) tal-istess Kap. 414 oltre ghad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Artikli 2 1.(a), 10, 16 u 17 tal-istess *Council Regulation (EC) No 1383/2003* fost ohrajn;

6. Illi recentement, waqt 1-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 tal-istess Kap. 414 u fl-Artiklu 1(1) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* TGHU 2793298 kontenenti fost ohrajn artikli ta' lbies (glekkijiet) li fihom sinjali konsistenti f'rapprezentazzjoni ta' ajkla inkludenti l-kelma "GA" kif ukoll il-kliem "GIORGIO ARMANI", liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur il-konvenuta EURO 44 S.A.R.L. skond kif indikat fuq il-polza ta' karigu relattiva, u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar ksur ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali;

7. Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fid-29 ta' Jannar 2007 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dawna li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali;

8. Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika lis-socjeta' attrici bhala b'kollox elf hames mija u sittin (1560) glekkijiet, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 5 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Artiklu 9 1. tal-*Council Regulation (EC) No. 40/94 on the Community trade mark***,** kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikli 10, 14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416), tal-artiklu 76A(1) tal-Att XXII tal-2005 dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji) u tar-regolament numru 9 tal-avviz legali 233 tal-2003;

9. Illi s-socjeta' attrici nghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana, u gie lill-istess socjeta' attrici prefiss terminu sas-26 ta' Frar 2007 mill-hawn qabel imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

10. Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-oggetti u cjioe' l-artikli ta' lbies (glekkijiet) li fihom sinjali konsistenti f'rapprezentazzjoni ta' ajkla inkludenti l-kelma "GA" kif ukoll il-kliem "GIORGIO ARMANI", liema oggetti jinsabu prezentement taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* TGHU 2793298 kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta' – l-konvenuta;

(3) tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali

taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

**Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati a fol. 77** fejn wiegbu:

1. Illi f'dan l-istadju huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz.

2. Illi ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mas-socjeta minnhom rapprezentata.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet l-Avukati difensuri;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat id-dokumenti prodotti mar-rikors guramentat;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2008;

Rat id-dikjarazzjoni ta' Deidre O'Shea a fol. 26;

Rat l-affadivati ta' l-attur nomine fejn ikkonferma li l-oggetti mertu tal-vertenza huma kontrafazzjonijiet fol. 27;

Rat ic-certifikati tar-registrazzjoni;

**Tikkunsidra**

Illi mill provi prodotti jirrizulta li t-talbiet attrici huma gustifikati u dawn b'ebda mod ma gew kontradetti jew kontestati.

L-azzjoni attrici hi bazata fuq dak li tipprovdi l-ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kap 414).

Illi in vista tal-provi prodotti tiddeciedi:

**DECIZJONI**

il-Qorti taqta' u tiddeciedi
billi tilqa' t-talbiet attrici,
Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata,
l-ispejjez tal-kuraturi jithallsu provvizorjament mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------